**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Frar, 2019**

**Rikors nru: 123/17 AGV**

AB

vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-24 ta' Mejju, 2017 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar id-19 ta' Mejju, 2012;

2. Illi miz-zwieg taghhom twieldu zewg ulied: DB nhar il-11 ta' Lulju, 2013 u EB nhar il-11 ta' Lulju, 2015;

3. Illi minhabba l-imgieba ostili, disrispett, sevizzi u ingurji indirizzati mill-intimat lejn ir-rikorrenti l-istess rikorrenti kellha tallontana ruhha mid-dar matrimonjali li tinsab mikrija lilhom;

4. Illi sussegwentement l-intimat biddel is-serratura tal-fond imsemmi minghajr ma ghadda c-cwievet lir-rikorrenti volontarjament. Kien biss wara diversi kawzi kriminali u wara li serva anke sentenza ta' habs li l-intimat ghadda kopja tac-cavetta lir-rikorrenti;

5. Illi f'dan il-frattemp u cioe' ghal diversi xhur twal l-istess intimat la ha inizzjativa li jara lil ulied minuri u lanqas ikkontribwixxa ghalihom bl-ebda mod;

6. Illi inoltre huwa baqa' igawdi d-dar matrimonjali u baqa' jabita hemm ad eskluzjoni tal-ulied u tal-istess rikorrenti;

7. Illi ghalhekk, minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat li se jigu ppruvati ampjament fil-mori tal-kawza, m'ghadx hemm tama li l-partijiet isalvaw iz-zwieg taghhom u kien ghalhekk illi l-esponenti ma kellha l-ebda ghazla ohra ghajr li tintavola l-proceduri odjerni;

8. Illi l-esponenti, anke fl-ahjar interess tal-minuri ppruvat tasal ghal separazzjoni konsenswali, madanakollu sfortunatament minhabba intransigenza tal-konvenut, il-partijiet ma waslux f'kompromess;

9. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat permezz ta' digriet;

Ighid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

a. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli eskluzzivament lill-konvenut fosthom ingurji, sevizzi, ingurji gravi u anke abbandun kommess mill-konvenut fuq martu, konsegwenza ta’ liema z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

b. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D u E eskluzzivament f’idejn ir-rikorrenti, b’dan illi anke d-decizjonijiet kollha anke dawk ta’ natura straordinarja jittiehdu minnha biss;

c. Tordna li z-zewg minuri jirrisjedu mar-rikorrenti omm, minghajr access lejn il-missier u/jew supervizjonat kif jidhrilha l-ahjar il-Qorti sabiex anke jigu salvagwardati u protetti l-minuri minn kull possibilita’ inkluz il-possibilita’ li jittiehdu barra mill-pajjiz mill-intimat jew nies imqabbda minnu;

d. Tillikwida u tiffissa manteniment adegwat ghall-istess minuri D u E u dan tenut kont ghac-cirkostanzi taghhom, l-htigijiet u l-bzonnijiet u skond il-ligi tordna lill-konvenut sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b’dawk il-modalitajiet kollha ta’ pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma’ nofs l-ispejjes ta’ sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;

e. Tordna li l-manteniment li ser jigi likwidat ghall-minuri hekk kif ghandu jizdied f’kull zmien, jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew li jista’ jkollu, jew

minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jircievi minn zmien ghal zmien;

f. Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess;

g. Billi ukoll tigi stabbilita data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-proprjeta' mobbli tal-partijiet;

h. Tassenja lir-rikorrenti l-kirja tad-dar matrimonjali, fl-indirizz "Siesta," Triq San Timotju, Qawra, St. Paul's Bay u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' jew ma tilqax din it-talba, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix eskluzzivament fil-fond matrimonjali, flimkien mal-minuri D u E, ad eskluzjoni tar-ragel;

i. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

j. Tillikwida l-assi parafernali u dawk dotali tal-esponenti u tassenjahom lil istess rikorrenti;

k. Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha;

l. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

m. Bl-ispejjes kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' kontumaci.

**FATTI**

1. Ir-rikorrenti ltaqghet mal-intimat minn Facebook fis-sena 2010. F'dak iz-zmien kienet tahdem bhala sales clerk ma' kumpanija tal-farmacewtici, filwaqt li l-intimat kien jahdem bhala handyman gewwa guest house f'Tas-Sliema.

2. F' dak iz-zmien, l-intimat kellu tifel minn relazzjoni ohra, li kien ighix m'ommu u ma kellux kuntatt mieghu. Kienet imbaghad heggitu sabiex jipprova jibda jarah u fil-fatt it-tifel kien beda iqatta' xi weekends maghhom u meta kien jigri hekk, ir-rikorrent tispjega li kienet tmur tigbru wara x-xoghol u tirritornah it-Tnejn filghodu fi triqitha ghax-xoghol. Tghid li gieli kienet tixtri xi bzonnijiet ghall-minuri u kienet thallihom meta kienet tmur tigbru, izda darba kien maghha l-intimat u nduna u kienn ghamel ghaliha.

3. Ftit wara li ltaqghu, l-intimat kien tilef l-impjieg tieghu u kien jahdem b'mod irregolari ma' kuntratturi tal-bini. F'Mejju, 2012 kienu mbaghad zzewwgu bic-civil u kienu marru ghall-honeymoon, it-Togo, ghax ma kellux passaport u jekk kien jakkwista passaport Togoliz, setghu jsiefru b'visa kull fejn riedu. Ic-Central Visa Unit kienu hargulu dokument ghall-ivvjaggar temporanju u peress li l-process sabiex jinhariglu passaport mit-Togo kien wiehed twil, tispjega li kellha tirrizenja mill-impjieg taghha, ghax l-imghallem taghha rrifjuta li jtiha unpaid leave b'mod indefinit.

4. Kien mal-wasla taghhom it-Togo li bdiet tissusspetta li l-intimat kien qieghed f' relazzjoni ohra ghaliex kien halla l-mobile tieghu fil-kamra u kienet sabitlu messagg li kien jaqra "*Baby I'm worried, you promised to text as soon as you arrive. I miss you already. xxx*" Tghid li kienet anke gharrfet in-numru, pero' meta affrontat lill-intimat dan innega kollox.

5. Meta kienu t-Togo kienet indunat li kienet tqila bl-ewwel wild taghhom u ghalhekk ma kinitx tat wisq importanza lill-messagg li kienet rat. Meta waslu Malta f' Dicembru, tghid li kollox kien kalm bejniethom. Pero' kienet indunat li l-intimat ma kienx ferhan se jtir bit-tqala taghha. Ma kienx jmur ghall-appuntamenti maghha l-Isptar jew ghand it-tabib. Ma kien xtara xejn mill-bzonnijiet li kien jehtieg peress li kienu qed jistennew tarbija, kienet xtrat kollox hi u l-genituri taghha, Sahansitra anke meta waslet biex twelled ma kienx mar maghha l-Isptar u kienet dahlet ommha maghha anke sad-*delivery room,* peress li kellha tidhol minhabba li kellha bzonn cesarja b'urgenza. Tghid li D twieled fil-11 ta' Lulju, 2013 u l-intimat kien mar jaraha biss filghaxija, ghax qalilha li kien mar jiekol peress li kien ir-Ramadan. Kien baqa' jmur jaraha f'dawn il-hinijiet ta' filghaxija kemm damet l-Isptar.

6. Ir-rikorrenti tghid li l-affarijiet mxew harir ghal ftit gimghat biss, sakemm it-tifel kellu xi tmien gimghat, ghax imbaghad l-intimat beda johrog tard wara nofsinhar u ma jidholx sal-ghada filghodu. L-ewwel darba li din grat kien qallha li kien tilef l-ahhar bus u kellu jorqod sakemm qabad il-bus ta' filghodu. Dakinhar tghid li kien dahal fis-sakra. Ir-rikorrenti tispjega li ma kinitx disposta li taccetta dan l-atteggjament, hi d-dar tiehu hsieb lit-tifel u hu barra fil-night clubs. Kien hemm okkazzjoni , fejn kien dahal ghall-habta tas-2.00 am u f'xi l-4.00 am it-tifel minuri beda jibki. Kienet dahlitu fis-sodda u kienet staqsiet lill-intimat biex izommu u jfisdu sakemm tlestilu l-halib u minflok kien fajjrilha daqqa ma' wiccha u wissiha sabiex ma tergax tqajjmu ghall-hmerijiet. Minn dakinhar tghid li ddecidiet li jekk kemm il-darba l-intimat ma jkunx id-dar f'hin decenti, kienet ser tmur torqod ghand il-genituri taghha.

7. Ir-rikorrenti tispjega li ghal hafna sjuf l-intimat kien baqa' l-istess u kien anke baqa' minghajr impjieg fiss u kien jirregistra mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Pero' hafna drabi ma kienx imur jirregistra u ma kienux jircievu l-beneficcji socjali u kien ikollha ddur ghall-genituri taghha biex ighinuha bil-bzonnijiet tat-tifel minuri. Tistqarr li mbaghad l-intimat kien insista maghha li kellha tibda tahdem u sabet impjieg, pero' kellha ghal darba'ohra tirrikorri ghall-ghajnuna t'ommha peress li l-intimat qatt ma kien responsabbli bizzejjed biex jiehu hsieb it-tarbija, ghax jew kien ikun rieqed jew barra mal-hbieb. Ghalhekk kienet iddecidiet li titlaq mid-dar u damet sa Settembru, 2014, meta ddecidiet li taghtih l-ahhar cans. Kienet marret lura ghal ftit ghal habta ta'Ottubru, 2014, izda minhabba li regghu bdew jiggieldu kienet regghet telqet. Xi gimaghtejn wara saret taf li kienet qed tistenna t-tieni wild taghhom. Ma regghetx lura sat-8 ta' Awissu, 2017, wara li kien hemm ordni ta' zgumbrament.

8. Ir-rikorrent tispjega li kienet iddecidiet li ma riditx trabbi lit-tarbija f'hafna problemi u ghalhekk ma kinitx marret lura d-dar. Tghid li l-intimat kien mar darba wahda biss maghha ghand it-tabib u meta kellha xi seba' xhur tqala kienet marret id-dar biex tiehu xi affarijiet li kellha bzonn ghat-tarbija u kien beda jghajjat maghha u ma riedx ihalliha tidhol. Spjegat kif marret izzomm il-bieb u nfaqqghet il-hgiega u spiccat wegghet idejha sew, tant li kellha tmur taghmel il-punti.

9. Meta kienet waslet biex twelled, ir-rikorrenti tghid li hasset li kellha tghid lill-intimat li kien se jitwieled E u seta' jmur jarah, izda kien rega' gab l-iskuza tar-Ramadan u ma marx jarah fil-gurnata li twieled, imbaghad ippretenda li jmur jarah fit-13 ta' Lulju, 2015 u cioe' jumejn wara ma' zewgt ihbieb. Ir-rikorrenti tghid li rrifjutat u l-intimat kien spicca kellu glieda mal-genituri taghha l-isptar, tant li kellhom jintervjenu l-Pulizija. Minn dakinhar

‘l hemm ir-rikorrenti tghid li l-intimat qatt ma ra lill-ibnu, hlief ghal xi ritratt fuq Facebook u lanqas biss ha l-inizjattiva li jitlob biex imur jara lill-uliedu.

10. Ir-rikorrenti tispjega li f’Settembru, 2015 kellha bzonn tmur id-dar matrimonjali biex terga’ tiehu xi affarijiet u hemm sabet li l-intimat kien biddel is-serratura tal-bieb. Kienet ikkomunikat mieghu u kien ammetta li kien ghamel hekk u ghalhekk kellha taghmel rapport l-Ghassa tal-Qawra. Spiccaw li l-pulizija ressquh il-Qorti u fl-24 ta’ Novembru, 2016, il-Magistrat Galea kkundannatu ghal xahrejn prigunerija u multa u spicca dam xi gimaghtejn u gie rilaxxat fit-13 ta’ Dicembru, 2016.

11. Ir-rikorrenti tammetti ukoll li l-intimat anqas qatt ma kkoopera maghha fejn jidhlu t-tfal, u kull darba kellha tonfoq il-flus biex tiftah il-proceduri l-Qorti, kif kien gara meta kellha bzonnu jiffirma applikazzjoni biex it-tifla minuri D jibda l-kindergarten.

12. Ir-rikorrenti tispjega li ma tafx fejn jinstab l-intimat u fejn jahdem u li l-ahhar li semghet minghandu kien ghall-habta ta’ Frar, 2017 meta kien bghatilha messagg fuq Facebook biex jawguralha “Happy Valentine’s Day” u stiedinha biex tohrog. Tghid li ndunat li kien hemm xi haga minn taht u ghalhekk irrifjutat. Kien hawn li talabha biex tmur mieghu l-Ufficju tal-Ex-Pats, izda hi l-ewwel ikkonfermat mal-istess ufficju biex tara jekk kienx hemm il-htiega u peress li l-laqgha kienet tikkoncerna c-cittadinanza tal-intimat ma maritx. Minn hawn regghu waqqaf kull komunikazzjoni.

13. Ir-rikorrenti tikkonferma ukoll illi l-intimat kien ilu f’relazzjoni ma’ mara ohra u li kien ghadu maghha sallum u ghalhekk tammetti li mhux kuntenta li uliedha jkunu ma’ missierhom li ma jafuhx u fil-presenza ta’ mara ohra.

14. Ir-rikorrenti pprezentat prospett fit-22 ta' Jannar, 2019, bl-ispejjes relatati mat-trobbija tal-minuri.

15. Rigward id-dar matrimonjali r-rikorrenti esebit l-ahhar kont tal-Arms sakemm l-intimat baqa' jghix fil-post, peress li mbaghad b'ordni tal-Qorti tas-6 ta' Lulju, 2017 gie zgumbrat. Il-kont kellu ammont pendenti fuqu ta' elf sitt mija disgha u tmenin Euros (€1,689.88).[1]

16. Dwar l-Awtorita' tal-Housing tghid li peress li d-dar matrimonjali taghhom kienet mikrija minghandhom, kienet talbithom informazzjoni sabiex tkun taf x'kienu l-arretrati tal-kiri peress li l-intimat ma kienx hallashom u talbithom jekk setghux iduru fuqu. Kienu nfurmawha li peress li ma kinux ghadhom flimkien ma setghux ituha informazzjoni. Tghid pero' li l-ammont kien aktar minn sebat elef Euros (€ 7000) u dan kienet tafu ghaliex kienet marret il-Housing u kienu qalulha ukoll li l-ammont kien tela' daqshekk peress li l-intimat ma kienx ghamel revizjoni tal-kera u *wage* u l-kera tinhadem bil-"market rate", u m'ghadix sussidjata. Ir-rikorrenti ddikjarat illi hi ma setghet taghmel xejn qabel ma jkun hemm decizjoni mill-Qorti li l-kera tal-fond inqaleb ghal fuqha.

IKKUNSIDRAT

[1] Ara kont esebit ghall-perjodu 2/7/2017 – 1/8/2017

**RESPONSABBILITA' TAL-FIRDA**

1. **Dwar Sevizzi u Ingurji gravi**

Ir-rikorrenti talbet separazzjoni minn ma' zewgha peress li thoss li rrenda ruhu hati ta' sevizzi u ingurji gravi.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz.***"

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Ir-rikorrenti ghamlet ukoll referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu

jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Mill-provi prodotti, li huma minima, ghax huma provi limitati ghall-affidavit tar-rikorrenti. Jirrizulta li l-intimat kien ghal kollox nieqes mill-hajja tar-rikorrenti. Qatt ma kien hemm ghat-twelid taz-zewgt itrabi, rarament kien akkumpanjaha ghand it-tabib jew l-isptar u meta marret id-dar bl-ewwel wild taghhom, kien dejjem barra u jidhol fil-hinijiet bikrin ta' filghodu, gieli fis-sakra u kien hemm okkazzjoni meta anke refa' idejh fuq ir-rikorrenti. L-intimat lanqas kellu impjieg fiss u lanqas ghen lill-martu bl-ispejjes tat-trabi. Din it-tip ta' hajja baqqghet l-istess bir-rikorrenti meqjusa bhala xejn aktar minn oggett u ma kienx hemm rispett, izda ingurji gravi biss.

Ghalhekk il-Qorti thoss li s-separazzjoni hija tort unikament tal-intimat li rrenda ruhu hati ta' ingurji gravi.

**<u>ABBANDUN</u>**

lli hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: **"*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.*"**

Ir-rikorrenti kienet dik li telqet mid-dar matrimonjali meta rat li l-intimat ma kienx qed jittrattaha tajjeb u lanqas kien jaghti kaz lill-ibnu. Ir-rikorrenti telqet kemm il-darba mid-dar matrimonjali u kien biss f'Ottubru, 2014 li kienet marret lura ghal ftit zmien u mbaghad f'Awissu, 2017. Essenzjalment, l-intimat ma jidhirx li qatt fizikament telaq mid-dar matrimonjali, izda kien hemm abbandun totali fis-sens li kien totalment indifferenti ghall-bzonnijiet

tar-rikorrenti u l-minuri, ma kienx missier u ragel li jerfa' r-responsabbilitajiet, izda huwa difficili biex jigi kkonsatat li kien telaq minghajr raguni gusta, ghax kienet ir-rikorrenti li telqet minhabba li ma setghetx tghix f'hajja fejn ma setghetx tafda lill-intimat, peress li ma kien jinteressah xejn hlief li jorqod jew johrog mal-hbieb. Ghal din il-Qorti dan huwa abbandun tar-responsabbilitajiet tieghu, izda ma tinkwadrax ruhha fl-ambitu tal-element tal-abbandun li jwassal ghal separazzjoni.

**KURA U KUSTODJA/ ACCESS**

Minkejja li kellhom zewgt itfal, D u E, l-intimat ma kienx missier prezenti, sa minn qabel ma twieldu. Qatt ma kien imur mar-rikorrenti l-isptar u ghand it-tabib u meta weldet kien biss mar tard filghaxija u kull darba kien johrog bl-iskuza li kellu r-Ramadan u kien ried jiekol qabel ma jmur l-isptar. Tul hajjithom ma kienx jippartecipa fit-trobbija taghhom u lanqas kien jikkoopera mar-rikorrenti meta giet biex tirregistra lil D l-iskola. Ma jimpurtahx minn dawn it-tfal u lanqas biss qatt ma cempel biex imur jarahom.

It-tfal minuri zgur m'ghandux relazzjoni ma' missierhom, jekk tul iz-zmien ma kellu l-ebda kuntatt maghhom. Jehtieg process twil biex tinbena *bond* u relazzjoni ta' missier u iben, peress li kien ghadda wisq zmien. Kieku kellu interess, l-intimat ma kienx jibqa' kontumaci, izda kien ikompli jiggieled ghal dawk li huwa d-drittijiet tieghu. Dan m'ghamlux pero'!

Il-Qorti dejjem trid tgharraf xínhu fl-ahjar interess tal-minuri f'dawn il-kazijiet. It-tfal mhux xi zugraga li ddawarhom kif jaqbel il-genitur, tfal

ghandhom bzonn stabbilita' u direzzjoni f'hajjithom, ghalhekk jekk missierhom qatt ma ha sehem importanti f'hajjithom, jekk qatt ma rabbihom, mhux se jkun ta' vantagg ghalihom li jippruvaw issa, wara tant zmien jibnu relazzjoni mieghu u l-Qorti hija aktar konvinta minn dan meta tara li l-intimat wera indifferenza totali fil-kaz lejn uliedu, ghax lanqas gholla sebghu biex jara kif jista' jibda xi tip ta' *bonding* maghhom. Ghalhekk, li l-intimat jinghata jew il-kura u kustodja tal-minuri jew l-access dan se jkun ta pregudizzju kbir ghall-minuri li fl-ahhar mill-ahhar mhux fl-interess ta' din il-Qorti.

**<u>MANTENIMENT</u>**

L-artikolu 3 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

***"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu hekk jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."***

Jirrizulta li minn dejjem l-intimat qatt ma kien konsistenti f'xogholu u qatt ma kellu xi tip ta' impjieg fiss. Kienet dejjem ir-rikorrenti li hadmet u stinkat biex tmantni l-familja, filwaqt li l-intimat kien jew jorqod jew johrog mal-hbieb. Dan ma jfissirx li bl-ebda mod l-intimat m'ghandux jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu.

Ir-rikorrenti esebit prospett tal-ispejjes li ghandha kull sena biex trabbi lill-uliedha u dan jammontaw ghal €16,816, li minnhom hemm kontijiet relatati

mal-kera u servizzi tad-dar, hemm dawk li jirriflettu l-ispejjes tal-hajja ta' kuljum, filwaqt li hemm dawk li jikkoncernaw it-trasport u spejjes ohra relatati mas-sahha, edukazzjoni u t-trobbija tat-tfal.

Dwar spejjes relatati mad-dar dawk ghandhom jigu ssoportati mir-rikorrenti, pero' dawk l-ispejjes li jikkoncernaw it-tfal ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet. Tenut kont tal-ispejjes tal-hajja ta' kuljum li jammontaw ghal €4,440 fis-sena u cioe' €370 fix-xahar u tenut kont ukoll li hemm spejjes li jammontaw ghal €4,800 fis-sena li jikkonsistu fost ohrajn f'spejjes ta' medicini, hwejjeg u spejjes relatati mal-iskola u hrug ghat-tfal, li maghhom ghandhom jizdiedu l-ispejjes tal-kotba, stationery u uniformijiet fl-ammont ta' cirka €500, din il-Qorti thoss li jkun gust li l-manteniment ghall-minuri jkun ta' €250 u l-ispejjes edukattivi u tas-sahha jinqassmu.[2]

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Mill-provi jirrizulta li l-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti mhumiex hafna u jikkonsisti fis-segwenti:-

i) Kirja tad- dar matrimonjali "Siesta," Triq San Timotju, Bugibba taht l-"Iskema Kiri" mal-Awtorita' tad-Djar;

ii) Arretrati ta' kera fuq l-istess dar matrimonjali;

iii) Arretrati tal-kontijiet tal-ARMS fl-ammont ta' €1,689.88 sal-5 ta' Settembru, 2017;

[2] Ara nota pprezentata fit-22 ta' Jannar, 2019

Presentement ir-rikorrenti qed tghix fid-dar matrimonjali wara li l-intimat kien gie zgumbrat mill-istess fond b'ordni tal-Qorti tas-6 ta' Lulju, 2017.[3] Madanakollu, ir-rikorrenti kkonfermat li sabet li l-intimat ma kienx hallas il-kera u ghaldaqstant kien hemm ammont konsiderevoli ta' arretrati. Oltre minn hekk kien ukoll naqas li jiehu hsieb li jaghmel ir-"revision of rent," bil-konsegwenza li jridu jhallsu kera skond il-"market value" u mhux issussidjat.

Dwar l-arretrati fuq il-kontijiet tal-ARMS jirrizulta li r-rikorrenti kienet telqet mid-dar ghall-habta tal-ahhar tas-sena 2014, ftit qabel ma saret taf li kienet qed tistenna t-tieni wild minghand l-intimat. Ghalhekk il-kont li esebit ir-rikorrenti jmur lura ghal dan iz-zmien u huwa mahrug sal-1 ta' Awissu, 2017, jigifieri ftit wara li gie zgumbrat mid-dar matrimonjali. Dan juri agir totalment irresponsabbli da parti tal-intimat.

**<u>DECIDE</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli eskluzzivament lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta' ngurji gravi konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

[3] Ara fol.10 tal-process.

2. Tilqa’ t-tieni talba;

3. Tilqa’ t-tielet talba b’dan li ma jkunx hemm access ghall-intimat;

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tiffissa retta alimentari ghall-minuri D u E li ghandha tithallas mill-intimat fis-somma ta’ €250 fix-xahar u l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha ghandhom jinqassmu bin-nofs. L-istess manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja;

5. Tilqa’ l-hames talba;

6. Tilqa’ is-sitt talba u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti fis-segwenti mod:-

**<u>Attrici</u>**

(a) Ir-rikorrenti tigi assenjata bil-kirja tal-fond “Siesta,” Triq San Timotju, Qawra, St.Paul’s Bay u b’dan ghandha tigi avzata l-Awtorita’ tad-Djar;

**<u>Konvenut</u>**

(a) L-intimat ghandu jassumi kwalsiasi arretrati li hemm ezistenti mal-Awtorita' tad-Djar minn Settembru, 2014 u cioe’ l-perjodu meta r-rikorrenti ddecidiet li titlaq mid-dar definittivament sat-8 ta’ Awissu, 2017;

(b) L-intimat ghandu jassumi responsabbilita’ ta’ kwalsiasi arretrati fuq il-kontijiet tal-ARMS li jmorru lura minn Settembru, 2014 sa Awissu, 2017 meta effettivament gie zgumbrat mid-dar matrimonjali b’ordni tal-Qorti;

7. Dwar din it-talba, il-Qorti tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni taghha, stante dak li gie deciz fit-talba (6);

8. Tilqa’ it-tmien, id-disa’, l-ghaxar u hdax-il talba.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu ssopportati mill-intimat.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**